MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru. 831/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Philip Agius bin Joseph u Maria Stella nee' Aquilina, imwieled fis-27 ta' Novembru, 1957 u residenti fil-fond Philmax,**
**Triq l-Imdina, Zebbug, Malta, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 845057(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Philip Agius li gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Awwissu, 2009, ghall-habta ta' 11:35hrs waqt li kien fl-inhawi ta' Kemmuna kien qed isuq opra tal-bahar b'aktar minn 10 knots meta kien f'inqas minn 200 metru boghod mill-kosta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta’ Patrick Pollacco u l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi jirrizulta minghajr l-ebda dubju illi l-imputat kien qed isuq bi speed eccessiv vicin il-kosta;

Illi x-xhud imressaq mill-imputat ma kien prezenti fil-gurnata tal-incident;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolament 25 (c) u t-Tielet Skeda (Reg 45) tal-Legislazzjoni Sussidjarja tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ sitt mitt ewro (€600).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------